



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 17.3.2015  
COM(2015) 127 final

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL EWROPEW**

**Rapport dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ u l-Investiment 2015**

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL EWROPEW

## Rapport dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ u l-Investment 2015

### 1) Introduzzjoni

Ir-Rapport dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ u l-Investment (*Trade and Investment Barriers Report* - TIBR) tal-2015, jindirizza għażla ta' ostakoli ewlenin li kumpaniji tal-Unjoni Ewropea (UE) jħabbtu wiċċhom magħhom fis-swieq **tas-sitt sħab ekonomiċi strateġiċi tal-UE**<sup>1</sup>, jiġifieri **ċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun, il-Mercosur (il-Brażil/l-Arġentina), ir-Russja u l-Istati Uniti**. L-għan ewlieni tiegħu hu li jqajjem kuxjenza dwar l-ostakoli l-aktar sinifikanti għall-kummerċ u jafferma mill-ġdid l-importanza li dawn l-ostakoli jiġu indirizzati b'mod iffukat u kkonċertat.

Filwaqt li t-TIBR jiffoka fuq il-"**prijoritajiet tal-prijoritajiet**", il-Kummissjoni wkoll regolarment tippubblika "rapport dwar miżuri li potenzjalment jirrestrinġu l-kummerċ" - jew "**ir-Rapport dwar il-Monitoraġġ tal-Protezzjoniżmu**" - li jipprovdi ħarsa aktar dettaljata tal-ostakoli għall-kummerċ u l-investment fi grupp usa' ta' pajjiżi terzi<sup>2</sup>. It-TIBR u "r-Rapport dwar il-Monitoraġġ tal-Protezzjoniżmu" għalhekk huma kumplementari.

Din il-ħames edizzjoni tat-TIBR l-ewwel tagħti ħarsa ġenerali lejn in-negozjati tal-UE li għaddejjin dwar il-kummerċ u l-investment (parti 2); imbagħad tagħti rendikont tal-ostakoli ewlenin għall-kummerċ u l-investment li għand għandhom l-imsieħba ekonomiċi strateġiċi tal-UE fl-2014 (parti 3); u tintemm b'taqsimha (parti 4) li tiddekrivi l-istrateġiji differenti użati mill-UE biex tindirizza dawn il-każijiet.

### 2) Il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' kummerċ u investment - in-negozjati tal-UE li għaddejjin

Sabiex toħloq opportunitajiet ġodda ta' kummerċ u investment, l-UE ssegwi aġenda komprensiva ta' negozjar b'dimensjoni multilaterali, plurilaterali u bilaterali. Id-dinamika maħluqa mill-qafas tan-negozjar tista' wkoll tikkontribwixxi għar-riżoluzzjoni ta' ostakoli kummerċjali li jkunu ilhom jeżistu.

Fir-rigward tal-aġenda **multilaterali** ta' negozjati tal-UE, il-kwistjonijiet pendenti tal-"**Pakkett ta' Bali**" tad-WTO - inkluż b'mod partikolari dawk relatati mal-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ - reċentement setgħu jiġu solvuti. Dan iwitti t-triq għal

<sup>1</sup> Kif definiti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *Kummerċ, Tkabbir u Affarijiet Dinjija* [http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2010/november/tradoc\\_146955.pdf](http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2010/november/tradoc_146955.pdf)

<sup>2</sup> Il-ħdax-il rapport ta' din ix-xorta jinsab online hawnhekk [http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2014/november/tradoc\\_152872.pdf](http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2014/november/tradoc_152872.pdf)

implimentazzjoni sħiħa ta' dan l-ewwel ftehim kummerċjali globali taħt l-awspiċji tad-WTO. Fuq livell **plurilaterali**, in-negożjati dwar **Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (Trade in Services Agreement - TiSA)** mexjin b'mod kostanti. Għandu jkun possibbli li dalwaqt jintlaħaq ftehim dwar l-espansjoni tal-lista ta' prodotti fil-**Ftehim dwar it-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni (Information Technology Agreement - ITA)**. Sadanittant, f'Lulju 2014 l-UE u 13-il membru ieħor tad-WTO nedew negożjati għal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ globali fi prodotti ambjentali. Din l-**"inizjattiva dwar prodotti ekoloġiċi"** plurilaterali għandha l-għan li jitneħħew l-ostakoli għall-kummerċ u l-investment fejn jidħlu prodotti, servizzi u teknoloġiji li qed jikkontribwixxu għat-titjib tal-ambjent tagħna.

B'mod parallel, l-UE qed tkompli tmexxi 'l quddiem l-aġenda ambizzjuża **bilaterali** tagħha ta' negożjati bil-ħsieb li ssaħħaħ il-pożizzjoni kummerċjali u ta' investment tagħha f'għadd ta' swieq ta' pajjiżi terzi. B'mod partikolari, in-negożjati mal-**Istati Uniti** dwar is-**Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investment (Transatlantic Trade and Investment Partnership - TTIP)** huma prijorità ewlenija. Ftehim tat-TTIP ambizzjuż u wiesa' li għandu jinkludi dixxiplini qawwija fejn jidħlu l-kooperazzjoni regolatorja u l-koerenza regolatorja mhux biss se jneħħi t-tariffi iżda wkoll se jgħin biex jitnaqqsu l-kosti relatati ma' ostakoli mhux tariffarji (*non-tariff barriers* - NTBs).

F'Diċembru 2014, l-UE u l-**Ġappun** ikkonkludew it-tmien sessjoni tagħhom ta' taħditiet tekniċi biex imexxu 'l quddiem l-FTA bejn l-UE u l-Ġappun. Permezz ta' dawn in-negożjati, l-UE qed tfittex li tindirizza għadd ta' kwistjonijiet li jaffettwaw in-negożju fl-UE, b'mod partikolari t-tariffi, l-ostakoli mhux tariffarji, u l-aċċess mhux sodisfaċenti għas-suq Ġappuniż tal-akkwist pubbliku.

Fis-16-il Samit bejn l-UE u ċ-Ċina li sar f'Beijing f'Novembru 2013, l-UE u ċ-**Ċina** nedew negożjati dwar **ftehim ta' investment** komprensiv li mistenni li jkun ta' benefiċċju għaż-żewġ naħat billi jiġi żgurat li s-swieq ikunu miftuħin għall-investment fiż-żewġ direzzjonijiet.

F'Marzu 2014, l-UE u l-**Mjanmar/Burma** nedew negożjati għal ftehim ta' investment.

L-FTA tal-UE ma' **Singapor** kien, fil-parti l-kbira tiegħu, inizjalat f'Settembru 2013, għalkemm in-negożjati fil-qasam tal-protezzjoni tal-investment ma' għewx konklużi qabel Ottubru 2014. Il-ftehim kummerċjali mal-**Perù** u l-**Kolombja** ġie applikat provviżorjament fil-Perù mill-1 ta' Marzu 2013 u fil-Kolombja mill-1 ta' Awwissu 2013. Ġew ukoll konklużi negożjati f'Lulju 2014 għall-adeżjoni tal-**Ekwador** mal-ftehim mal-Kolombja u l-Perù, filwaqt li għaddejin kuntatti għall-esplorazzjoni tal-possibilità li l-**Bolivja** tiġi integrata f'dan il-ftehim kummerċjali.

Fis-26 ta' Settembru 2014, is-Samit bejn il-Kanada u l-UE f'Ottawa mmarka t-tmien tan-negożjati dwar il-**ftehim kummerċjali bejn l-UE u l-Kanada (CETA)**. Il-ftehim mistenni li jneħħi aktar minn 99 % tat-tariffi kollha bejn iż-żewġ ekonomiji u joħloq opportunitajiet imdaqqa ġodda ta' aċċess tas-suq fis-servizzi u l-investment.

Fis-27 ta' Ġunju 2014, il-**Moldova** u l-**Ġeorġja** ffirmaw ftehimiet ta' assoċjazzjoni mal-UE li jinkludu żoni ta' kummerċ ħieles approfonditi u komprensivi (*Deep and Comprehensive Free Trade Areas - DCFTAs*). Il-ftehimiet japplikaw provviżorjament mill-1 ta' Settembru 2014. Fis-27 ta' Ġunju 2014, l-**Ukrajna** wkoll iffirmat DCFTA u l-partijiet li kien fadal tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (AA) li ma kinix ġew iffirmati fil-21 ta' Marzu 2014. Wara l-iffirmar tad-dispożizzjonijiet politiċi tal-AA, l-UE b'mod unilaterali kkonċediet miżuri kummerċjali awtonomi (*autonomous trade measures - ATMs*) fit-23 ta' April 2014, li ressqu 'l quddiem il-parti dwar it-tnaqqis tat-tariffi tad-DCFTA, għall-benefiċċju tal-Ukrajna. L-ATMs ġew estenzi sa tmiem l-2015 u d-dħul fis-seħħ tad-DCFTA ġie pospost sal-1 ta' Jannar 2016.

Barra minn hekk, l-UE tinsab għaddejja b'negozjati dwar Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (*Free Trade Agreement - FTA*) ma' għadd ta' pajjiżi u reġjuni terzi oħra, jiġifieri l-**Mercosur**, l-**Indja**, il-**Malasja**, il-**Vjetnam**, it-**Tajlandja** u l-**Marokk**.

### **3) Sitwazzjoni fejn jidħlu l-ostakoli ewlenin għall-kummerċ u l-investiment li għad għandhom l-imsieħba strateġiċi tal-UE fl-2014**

#### **a) Il-Brażil/l-Arġentina**

- 1) Fil-qasam tal-**investiment**, għalkemm il-Brażil ġeneralment ma jiddistingwix bejn kapital barrani u nazzjonali, ċerti setturi - notevolment il-midja u l-komunikazzjonijiet, l-avjazzjoni, it-trasportazzjoni u t-tħaffir tal-mini - huma soġġetti għal **limitazzjonijiet fuq sjieda barranija**.
- 2) F'diversi setturi, it-**taxxi diskriminatorji u s-sussidjar** ta' produttori domestiċi fil-Brażil iqajmu kwistjonijiet ta' importanza. B'mod partikolari, l-introduzzjoni (mill-ġdid) tal-programm **Reintegra** tas-sussidji fuq l-esportazzjoni toħloq tħassib. Barra minn hekk, għad hemm problemi minħabba l-għoti mill-Brażil ta' **self sussidjat jew ta' għotjiet bil-kundizzjoni li jiġu ssodisfati ċerti rekwiżiti ta' kontenut lokali**. Fir-rigward tal-miżuri tat-taxxa, l-UE talbet għal konsultazzjonijiet mad-WTO fid-19 ta' Diċembru 2013 dwar **vantaġġi diskriminatorji tat-taxxa li l-Brażil jagħti fir-rigward ta' vetturi bil-mutur, l-elettronika, makkinarju awtomatizzat għall-użu industrijali jew professjonali, u prodotti oħra relatati manifatturati fil-Brażil u li jissodisfaw ċerti rekwiżiti ta' kontenut lokali**. Barra minn hekk, il-Brażil jipprovdi vantaġġi ta' taxxa fil-forma ta' xiri ħieles mit-taxxi ta' oġġetti u inputs kapitali, lill-kumpaniji domestiċi li jesportaw 50 % jew aktar tal-produzzjoni tagħhom. Wara konsultazzjonijiet mal-Brażil fl-2014, li fallaw, l-UE ppreżentat talba biex jiġi stabbili bord ta' Riżoluzzjoni tad-Disputi tad-WTO fit-18 ta' Novembru 2014. Fis-17 ta' Diċembru 2014, id-WTO stabbiliet bord biex jiddeċiedi dwar il-kwistjoni.
- 3) Il-Brażil adotta **miżuri li jkomplu jħarbtu l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni f'sejħiet għal offerti pubbliċi** billi stabbilixxa marġni preferenzjali għal ċerti prodotti nazzjonali fil-proċeduri ta' sejħiet għal offerti. Il-miżuri jistabbilixxu marġini li jvarjaw bejn 8 % u 25 %, u jkopru firxa sħiħa ta' setturi.

- 4) Fil-qasam tal-**miżuri sanitarji u fitosanitarji** (*sanitary and phytosanitary measures - SPS*), sar xi progress, għalkemm insuffiċjenti, fir-rigward ta' **importazzjonijiet ta' prodotti tal-ħalib, il-majjal u l-laħam taċ-ċanga mill-UE lejn il-Brażil**. L-awtorità kompetenti tal-Brażil twettaq bejn 3 u 5 eżerċizzji ta' awditjar fis-sena u bdiet eżerċizzji ta' awditjar f'xi Stati Membri tal-UE, iżda għadu jqanqal tħassib l-ammont pendenti ta' 50 applikazzjoni ppreżentati mill-Istati Membri. B'mod ġenerali, il-Brażil għad għandu proċedura twila, diffiċli u imprevedibbli dwar l-SPS biex jingħata permess għall-importazzjonijiet mill-Istati Membri tal-UE. Fl-2014, il-Brażil ħabbar leġislazzjoni ġdida u l-UE ressqet suġġerimenti konkreti għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-importazzjoni. Il-Brażil jikkostitwixxi suq alternattiv importanti bħala konsegwenza tal-projbizzjoni imposta mir-Russja fuq l-esportazzjonijiet mill-UE ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel.

Fir-rigward ta' ċerti restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni fejn tidħol iċ-ċanga tal-UE minħabba l-Enċefalopatija Sponġiforma Bovina (*Bovine Spongiform Encephalopathy - BSE*), il-**Brażil** biddel ir-rekwiżiti tal-importazzjoni tiegħu, iżda għadu ma allinjahomx għal kollox mal-istandard internazzjonali tal-OIE (l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Animali).

- 5) Fl-**Arġentina**, l-obbligu li timtela' "**dikjarazzjoni ġuramentata minn qabel mill-importatur (DJAI)**" fil-każ tal-importazzjonijiet kollha għadu sfida ewlenija. Fil-15 ta' Jannar 2015, il-Korp tal-Appell tad-WTO għar-riżoluzzjoni tad-disputi kien wasal għal deċiżjoni fid-disputa dwar id-DJAI, kif ukoll f'numru ta' miżuri mhux uffiċjali oħrajn li jirrestrinġu l-importazzjoni, bħar-rekwiżiti ta' bilanċjar tal-importazzjoni. Il-Korp tal-Appell ikkonferma d-deċiżjoni tal-Bord preċedenti li kien iddeċieda li l-użu tad-DJAI mill-Arġentina jikser il-liġi tad-WTO.
- 6) Barra minn hekk, l-**Arġentina** għadha qiegħda tapplika **restrizzjonijiet severi fuq it-trasferiment ta' muniti, dividendi u royalties barranin**. Is-sitwazzjoni saħansitra sejra għall-aġħar minħabba skarsezza dejjem tiżdied tar-riservi f'munita barranija. Inħoloq korp ġdid ma' rappreżentanti ta' diversi awtoritajiet, inkluż il-Bank Ċentrali, għat-trasferiment u t-traċċar tal-pagamenti.
- 7) Fl-aħħar nett, l-**Arġentina** rrikorriet għal taxxi interni biex tirregola l-importazzjonijiet ta' karożżi, dgħajjes, ajruplani u muturi ta' klassi għolja, billi imponiet "**taxxa fuq il-lussu**" li tilħaq massimu ta' 50 % 'l fuq minn ċertu limitu ta' valur. It-taxxa taffettwa l-karożżi ta' lussu u għalhekk taffettwa lill-mudelli impurtati ħafna aktar milli taffettwa lill-mudelli prodotti domestikament.

## b) Iċ-Ċina

- 8) Iċ-**Ċina** tapplika **restrizzjonijiet sinifikanti fuq l-investment barrani**. B'mod partikolari, iċ-Ċina għandha tiftaħ setturi li huma magħluqa għall-investment dirett barrani (*Foreign Direct Investment - FDI*) jew soġġetti għal rekwiżiti ta' imprima konġunta, inkluż fejn hemm il-kundizzjoni ta' sjieda maġġoritarja Ċiniża. Iċ-Ċina

għandha wkoll tneħħi restrizzjonijiet oħra bħat-**trasferiment tat-teknoloġija u rekwiżiti ta' kontenut lokali** kif ukoll l-approvazzjonijiet amministrattivi minn qabel. Is-**sussidjar** tal-produtturi domestiċi, u b'mod partikolari tal-impriżi tal-istat (*State-Owned Enterprises* - SOEs), huwa ukoll ostakolu kbir quddiem l-investment fiċ-Ċina.

Iċ-Ċina ħadet xi miżuri unilaterali relatati mal-investment. F'Novembru 2014, hija pproponiet li **tirrevedi l-katalogu tal-investment barrani** tagħha u telimina xi restrizzjonijiet. Għalkemm ir-reviżjoni hija milqugħa, huwa diżappuntanti l-fatt li f'dan l-abbozz ta' reviżjoni hemm ftuħ limitat ta' setturi, u l-għeluq ta' oħrajn. Ir-riformi mħabbra fil-qafas taż-**Żona ta' Kummerċ Ħieles Pilota ta' Shanghai (Shanghai Pilot Free Trade Zone - SFTZ)** ma mxewx bir-ritmu xieraq. Il-"lista negattiva" tal-SFTZ (li telenka s-setturi kollha li fihom hemm restrizzjonijiet għall-investment barrani, l-investment huwa permess fis-setturi l-oħra kollha) ġiet riveduta f'Lulju 2014. Għalkemm ġew illaxkati xi ftit restrizzjonijiet fuq l-investment barrani f'ċerti setturi, il-kumpaniji qed ikomplu jiffaċċjaw ħafna ostakoli kbar quddiem l-investment barrani fiż-żona. Din is-sitwazzjoni se tiġi mmonitorjata wkoll fid-dawl tat-tħabbira riċenti mill-awtoritajiet Ċiniżi li jifflu FTZs ġodda.

- 9) Fil-qasam tal-**akkwist pubbliku**, l-UE għadha qiegħda tħeġġeġ liċ-Ċina biex tingħaqad mal-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku (*Government Procurement Agreement* - GPA) malajr kemm jista' jkun u biex iġġib il-leġiżlazzjoni tagħha konformi mal-GPA. F'Jannar 2015, iċ-Ċina ppreżentat offerta riveduta dwar il-GPA; l-UE tilqa' l-progress li sar fejn tidħol il-kopertura fil-livell subċentrali, iżda għad hemm bżonn ta' aktar titjib sinifikanti, b'mod partikolari rigward il-kopertura tal-SOEs.
- 10) Għadd hemm numru kbir ta' kwistjonijiet fejn jidħol ir-rispett għad-**Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali (Intellectual Property Rights - IPR)** fiċ-Ċina. Dan jinkludi r-reġistrazzjoni ta' privattivi u ta' mudelli ta' utilità ta' kwalità baxxa u tat-trejdmarks li l-applikazzjoni għalihom ma tkunx saret in bona fede, kif ukoll il-proċeduri twal ta' reġistrazzjoni u l-proċedura kkomplikata għal-legalizzazzjoni ta' dokumenti barranin. Barra minn hekk, għadha mhix sodisfaċenti l-protezzjoni kontra l-ksur tal-IPR mill-awtoritajiet doganali, ġudizzjarji u amministrattivi. Barra minn hekk, għad hemm ħafna inċertezza rigward il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali, li - kif jingħad - spiss ikollhom jiġu mogħtija lill-awtoritajiet jew lil kumpaniji Ċiniżi.
- 11) Iċ-Ċina għadha tqis li **hija biss it-teknoloġija ta' sigurtà tal-informatika żviluppata fiċ-Ċina li titqies bħala "sikura"**, u tapplika l-**kunċett ta' "sigurtà nazzjonali"** ferm lil hinn mill-prassi normali internazzjonali. Dan jaġixxi bħala ostaklu mill-akbar għall-kumpaniji barranin li jikkompetu għal applikazzjonijiet kummerċjali fis-settur tal-IT. Barra minn hekk, **il-kumpaniji barranin għadhom mhux qed jitħallew jipparteċipaw f'korpi ta' standardizzazzjoni relatati mas-sigurtà.**
- 12) Il-kumpaniji tal-UE qeġhdin iħabbtu wiċċhom ma' ħafna **miżuri ta' importazzjoni relatati ma' aspetti sanitarji u fitosanitarji (SPS) fiċ-Ċina.** Il-projbizzjoni eżistenti tal-importazzjonijiet tal-laħam taċ-ċanga u tan-nagħaġ tal-UE għandhom jitneħħew.

Barra minn hekk, għandhom jiġu aċċettati standards internazzjonali li jikkonċernaw pereżempju s-sikurezza tal-ikel u s-saħħa tal-annimali.

- 13) L-UE hija mħassba wkoll **bl-ostakoli għall-aċċess għas-suq Ċiniż fis-setturi tas-saħħa u l-kożmetiċi**. Fejn jidħlu **l-apparati mediċi u l-farmaċewtiċi**, is-sistema regolatorja ġdida għandha ssir konformi ma' standards u prattiki internazzjonali fejn jidħlu kwistjonijiet bħalma huma l-provi kliniċi u r-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni. Fejn jidħlu **l-kożmetiċi**, il-proċess ta' reġistrazzjoni għal ingredjenti kożmetiċi ġodda għandu jittejjeb u jiġi limitat għal ingredjenti ta' riskju oġġla. Għandu jitħalla l-ittikkettjar tal-kożmetiċi permezz ta' stikers u r-regolamenti ta' ttestjar għandhom jiġu allinjati mal-istandards internazzjonali.

c) **L-Indja**

- 14) Fl-**Indja**, il-kumpaniji tal-UE għadhom qed jaffaċċjaw **ostakoli kbar għall-aċċess għas-suq fis-setturi tal-IT u tal-prodotti elettroniċi**. Ma jista' jiġi rrapportat l-ebda progress sostanzjali ulterjuri fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-**politika ta' aċċess preferenzjali għas-suq għal prodotti elettroniċi manifatturati domestikament fl-akkwist pubbliku** minħabba kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà wara li l-Indja kienet issospendiet il-politika fl-2013 u b'mod espliċitu eskludiet l-applikazzjoni tagħha fejn jidħol akkwist mhux pubbliku. L-Indja tibqa' ssostni li mhix marbuta ma' xi impenji tad-WTO (b'mod partikolari l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku li l-Indja mhix parti fih). L-Indja mistennija li dalwaqt tħabbar il-kriterju ta' valur miżjud fl-iskema tal-akkwist pubbliku tagħha.

Sa mit-3 ta' Jannar 2014 **fl-Indja saret obligatorja r-reġistrazzjoni ta' 15-il kategorija ta' prodotti elettroniċi tal-IT u tal-konsumatur**. Dan ġie estiż għal 15-il prodott ieħor permezz ta' digriet ippubblikat fit-8 ta' Novembru 2014. L-implimentazzjoni ta' ttestjar obligatorju fil-pajjiżi u ċ-ċertifikazzjoni ta' elementi tan-network tat-telekomunikazzjoni reġġet ġiet posposta għall-1 ta' April 2015. Peress li parti sinifikanti ta' dawn il-prodotti hija importata fis-suq Indjan, dawn il-miżuri jistgħu jaffettwaw il-kummerċ b'mod partikolari.

- 15) Sadanittant, għad hemm problemi bl-implimentazzjoni tas-**sistema ta' ċertifikazzjoni tal-Uffiċċju tal-Istandards tal-Indja (Bureau of Statistics - BIS) fejn jidħlu tajers importati u esportati**. It-tħassib ewlieni huwa dwar it-tariffi imposti għal kull tajer immarkat, proċeduri twal, spezzjonijiet fil-fabbriki, u l-garanziji meħtieġa mill-banek.
- 16) Minn Awwissu 2013, l-**Indja** biddlet l-interpretazzjoni u l-infurzar tar-**regolamenti dwar it-tikkettjar u l-imballaġġ skont ir-Regolamenti dwar l-Istandards tas-Sigurta tal-Ikel tal-2011**, bl-adozzjoni ta' approċċ iktar restrittiv għall-użu ta' stikers fuq l-imballaġġ, biex b'hekk dan kien il-kaġun ta' tfixkil serju fil-kummerċ tal-prodotti tal-ikel. B'mod aktar ġenerali, l-Indja reċentement estendiet l-iskemi tagħha ta' tikkettjar b'mod restrittiv f'bosta setturi (pereż. l-kożmetiċi, t-tagħmir mediku, l-ICT).

- 17) Matul l-2014, l-Indja introduċiet bosta miżuri li jaffettwaw is-settur tal-**kosmetiċi** fi kwistjonijiet bħalma huma l-ittikkettjar, l-ittestjar fuq l-annimali u r-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni għal prodotti importati. Fir-rigward tal-**ittikkettjar**, f'Lulju 2014 l-Indja ppubblikat rekwiżiti ta' ttikkettjar fir-rigward ta' oriġini veġetarjani u mhux veġetarjani. Barra minn hekk, l-Indja introduċiet **projbizzjoni dwar l-ittestjar tal-kożmetiċi fuq l-annimali** b'mod li jista' jwassal għal projbizzjoni, fil-prattika, ta' ingredjenti b'użu mifruż u li ma jistgħux jiġu sostitwiti, li għadhom jiddependu fuq dejta mit-testijiet fuq l-annimali meta ma teżistix alternattiva ta' sostituzzjoni.

**d) Il-Ġappun**

- 18) Mill-bidu tan-**negozjati għal FTA komprensiv**, għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet **marbuta mal-ostakolu mhux tariffarji**. Fir-rigward ta' uħud minn dawn l-ostakoli (pereżempju l-ikel organiku, il-liċenzjar bl-ingrossa tal-likuri), il-Ġappun diġà huwa konformi mal-impenji li ħa fuqu waqt il-fażi preparatorja qabel it-tnedija tan-negozjati dwar l-FTA. F'xi oħrajn li dwarhom il-Ġappun impenja ruħu li jwettaq fi żmien l-ewwel sena ta' negozjati, jista' jiġi rrapportat progress sinifikanti (pereżempju fejn jidħlu farmaċewtiċi, addittivi tal-ikel, ċanga, proċeduri ta' awtorizzazzjoni ta' apparat mediku).

Madankollu, għad hemm kwistjonijiet mhux riżolti u dawn ikun jeħtieġ li jiġu indirizzati qabel ma jintemmu n-negozjati. Minbarra l-lista maqbula fil-kuntest tal-eżerċizzju dwar l-ambitu, l-UE ppreżentat it-**tieni lista tal-NTMs** lill-Ġappun f'Diċembru 2014 li tinkludi b'mod partikolari ħafna kwistjonijiet pendenti relatati mal-SPS. Id-diskussjonijiet mal-Ġappun dwar din it-tieni lista għadhom għaddejjin u l-għan tal-UE huwa li jinkiseb progress f'waqt u sinifikanti. In-negozjati qegħdin ikopru wkoll oqsma oħra fejn in-negozji tal-UE jiltaqgħu ma' problemi meta jagħmlu negozju fil-Ġappun, bħal pereżempju fl-akkwist pubbliku (inkluż il-linji tal-ferroviji).

**e) L-Istati Uniti**

- 19) L-UE għadha ppreokkupata rigward ir-restrizzjonijiet hekk imsejħa "**Buy American**" li jirregolaw **l-akkwist pubbliku tal-Istati Uniti**. Dawn ir-restrizzjonijiet għadhom ikopru proporzjon kbir tal-akkwist pubbliku fl-Istati Uniti billi jirriservaw parti sinifikanti tal-akkwist pubbliku għal prodotti u servizzi lokali u jeskludu l-kumpaniji barranin mill-akkwist. Huwa ċar li l-kisba ta' progress sinifikanti f'dan il-qasam huwa prerekwiżit importanti għal konklużjoni b'suċċess tan-negozjati tat-TTIP. B'mod partikolari, se jkun kruċjali biex jiżgura aċċess aħjar tal-UE għall-akkwist subfederali fl-Istati Uniti.
- 20) Id-diffikultajiet għall-protezzjoni tad-**drittijiet tal-proprjetà intellettwali** - b'mod partikolari l-**indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE (Geographical Indications - GIs) fuq l-ikel u x-xorb** (speċjalment fis-setturi tal-inbid, il-ġobon u l-laħam) - fl-Istati Uniti huma sors ta' frustrazzjoni konsiderevoli għall-produtturi tal-UE. In-**negozjati dwar it-**

**TTIP** li għaddejnin jipprovdu opportunità importanti biex tinkiseb protezzjoni aħjar tal-GIs tal-UE fl-Istati Uniti.

- 21) Għad hemm għadd kbir ta' **ostakoli tal-SPS** fl-Istati Uniti. Għad hemm preokkupazzjonijiet kbar tal-UE fir-rigward tar-restrizzjonijiet tal-importazzjoni tal-Istati Uniti fuq il-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż, kif ukoll il-prodotti tal-bajd. Barra minn hekk, l-applikazzjonijiet tal-UE għall-esportazzjoni ta' prodotti ta' oriġini mill-animali, bħal-laħam taċ-ċanga, ċerti prodotti tal-ħalib, molluski bivalvi ħajjin, kif ukoll prodotti tal-pjanti bħat-tuffieħ u l-lanġas, jiffaċċaw dewmien fit-tul. Hawnhekk ukoll, in-negozjati tat-TTIP jistgħu jkunu ta' opportunità biex isir progress lejn is-soluzzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet.

**f) Ir-Russja**

- 22) **Ir-Russja applikat b'mod żbaljat it-tariffi tagħha marbuta mad-WTO** fil-każ ta' ħafna prodotti, inkluża l-karta, l-apparat domestiku u prodotti agrikoli bħal ma hu ż-żejt tal-palma. Fil-31 ta' Ottubru 2014, l-UE nediet talba għal konsultazzjonijiet fi ħdan ir-riżoluzzjoni tad-disputi tad-WTO.
- 23) **Il-liġi l-ġdida Russa dwar il-lokalizzazzjoni tad-dejta personali** (il-Liġi Federali 242) iffirmata mill-President Putin fil-21 ta' Lulju 2014 tirrikjedi li kull dejta personali ta' individwi Russa tinħażen u tiġi pproċessata fir-Russja, mingħajr ma tiġi offerta l-ebda eżenzjoni għal dejta kummerċjali. Rekwiżiti totali bħal dawn rigward servers lokali, mingħajr eżenzjoni fil-każ ta' dejta kummerċjali, huma sproporzjonati u jista' jkollhom effett negattiv fuq l-ekonomija diġitali kollha kemm hi. B'mod partikolari, dan joħloq ostakolu kbir għall-fornituri cloud Ewropej u l-iżvilupp ta' suq transkonfinali tal-cloud computing. Fl-opinjoni tal-UE, dawn ir-rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni għandhom minflok jiġu limitati għal każijiet eċċezzjonali, speċifiċi (pereż. biss fejn rekwiżiti tas-sigurtà/tal-privatezza tad-dejta ma jkunux jistgħu jiġu żgurati mod ieħor) u għandhom ikunu kompletament kompatibbli mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-WTO.
- 24) **Għad hemm ħafna kwistjonijiet pendenti mar-Russja fejn jidħlu l-SPS.** Fit-8 ta' April 2014 l-UE talbet konsultazzjonijiet ta' riżoluzzjoni tad-disputi tad-WTO mar-Russja rigward restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni kontra ħnieżer ħajjin, majjal, u ċerti prodotti tal-majjal li joriġinaw fl-UE, minħabba l-okkorrenza tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'żoni limitati fil-Litwanja u fil-Polonja qrib il-fruntiera mal-Belarus. Il-konsultazzjonijiet ma wasslux għal riżultat u ġie stabbilit bord tar-riżoluzzjoni tad-disputi tad-WTO fit-22 ta' Lulju 2014. Għad hemm, sa mill-1 ta' Lulju 2013 projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' patata u pjanti oħra filwaqt li kwistjonijiet ġodda jinkludu projbizzjoni fuq fdal tal-laħam taċ-ċanga mill-UE sa mis-27 ta' Ġunju 2014, projbizzjoni fuq frott u ħaxix mill-Polonja (li tolqot l-aktar lit-tuffieħ) introdotta fl-1 ta' Awwissu 2014 u projbizzjoni fuq laħam mitħun, il-ġewwieni u x-xaħam mill-UE sa mit-22 ta' Ottubru 2014.

- 25) Fis-7 ta' Awwissu 2014, ir-Russja imponiet **projbizzjoni fuq prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel** minn ċerti pajjiżi - inklużi l-Istati Membri tal-UE - li adottaw **sanzjonijiet** kontra r-Russja fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna. Dawn il-prodotti jkopru kważi l-prodotti tal-laħam kollha (il-laħam taċ-ċanga, il-laħam tal-majjal, tat-tjur, u ċerti prodotti tal-laħam ippreparati), il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, il-frott u l-ħxejjex, kif ukoll il-ħut u l-krustaċji. Ġew ukoll ipprojbti xi prodotti agrikoli pproċessati.
- 26) Fil-qasam tal-**ostakoli tekniċi għall-kummerċ (Technical Barriers to Trade - TBT)**, l-operaturi ekonomiċi tal-UE għadhom qed jaffaċċaw għadd kbir ta' ostakoli orizzontali u speċifiċi għas-settur minħabba **regolamenti tekniċi kkomplikati** li ħafna drabi jistabbilixxu **rekwiżiti eċċessivi fejn tidħol ċertifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-konformità**. F'ħafna każijiet, ir-regolamenti tekniċi - li issa huma adottati mill-Unjoni Ekonomika Ewro-Asjatika - huma inkompatibbli ma' standards internazzjonali. Eżempji importanti ta' regolamenti tekniċi kkomplikati żżejjed stabbiliti mill-Unjoni Ekonomika Ewro-Asjatika huma r-regolament tekniku dwar is-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur u prodotti maħsuba għat-tfal u l-adoloxxenti (fost oħrajn rilevanti għal tessuti, ħwejjeġ u xedd tas-saqajn) kif ukoll l-abbozz ta' regolament tekniku dwar is-sikurezza tal-prodotti alkoħoliċi.
- 27) Ir-Russja adottat programm ta' sussidji li jinkludi **sussidji lill-produtturi ta' tagħmir għall-azjendi agrikoli u makkinarju agrikolu**. Dan il-programm jistabbilixxi sussidji għall-manifatturi u x-xerrejja ta' makkinarju agrikolu taħt **ċerti kundizzjonijiet ta' kontenut lokali**. Dan huwa ta' ħsara għall-esportaturi tal-UE ta' makkinarju agrikolu (b'mod partikolari ta' magni tal-ħsad u d-dris) li għandhom interess qawwi fis-suq Russu.
- 28) Fl-14 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni Ekonomika Ewro-Asjatika imponiet **dazji antidumping fuq importazzjonijiet ta' vetturi kummerċjali żgħar** mill-Ġermanja u l-Italja. Bħala konsegwenza ta' din il-miżura, l-esportazzjonijiet ta' vetturi kummerċjali żgħar mill-UE lejn ir-Russja Prattikament waqfet minħabba l-livell projbittiv tad-dazju. Il-miżuri antidumping għandhom jiġu applikati għal ħames snin u jaffettwaw madwar EUR 180 miljun ta' esportazzjonijiet tal-UE. Diversi kumpaniji tal-UE raw il-preżenza tagħhom fis-suq tonqos b'mod drastiku f'dan is-segment tas-suq fir-Russja. Il-Kummissjoni nediet proċedura ta' rizzoluzzjoni tad-disputi tad-WTO u ġie stabbilit bord fl-20 ta' Ottubru 2014.

#### **4) Għodod differenti biex jindirizzaw l-ostakoli għall-kummerċ u l-investment**

- a) **Negozjati dwar FTA li għaddejjin**

L-UE hija impenjata f'negozjati dwar FTA ma' erba' mis-sitt sħab ekonomiċi strateġiċi tagħha kif ukoll f'negozjati ta' investment maċ-Ċina. Għalkemm il-progress li sar ma kienx suffiċjenti fin-negozjati mal-Indja u l-Mercosur, l-UE għadha impenjata li tiffirma ftehimiet ambizzjużi. In-negozjati tat-TTIP u tal-FTA bejn l-UE u l-Ġappun qed javvanzaw b'pass tajjeb. It-taħdidiet bilaterali ma' għadd ta' pajjiżi u reġjuni oħra ukoll għaddejjin ukoll kif deskritt fil-ħarsa ġenerali fit-taqsima 2 hawn fuq.

Minkejja li l-prospetti ta' implimentazzjoni sħiħa tal-"Pakkett ta' Bali" tad-WTO jidher li se jkun aħjar fil-futur qrib u l-varjetà ta' negozjati plurilaterali promettenti li għaddejjin, in-negozjati bilaterali tal-FTA qed isiru strument dejjem aktar importanti li jindirizza miżuri speċifiċi li jxekklu l-kummerċ fi swieq importanti f'pajjiżi terzi. In-negozjati tat-TTIP mal-Istati Uniti għandhom dimensjoni strateġika ta' importanza partikolari bħala ftehim komprensiv li jkun jinkludi dixxiplini regolatorji b'saħħithom li jistgħu mhux biss jagħtu spinta lill-kummerċ bejn il-Partijiet iżda wkoll jistabbilixxu mudell innovattiv għall-konverġenza regolatorja u jstabbilixxu mudell globali. Ftehim ambizzjuż mal-Istati Uniti jista' b'hekk jikkonsolida u jkompli jipproġetta r-rwol tal-UE bħala mexxej regolatorju dinji.

Minbarra l-mudell tat-TTIP, l-UE tistrieħ ukoll fuq it-taħdidiet tal-FTA biex jiġu indirizzati ostakoli li ilhom jeżistu fi swieq kruċjali bħal fil-każ tal-Ġappun fejn in-negozjati huma bbażati fuq approċċ komprensiv immirat biex jindirizza firxa wiesgħa ta' ostakoli mhux tariffarji. Din l-istrateġija diġà wasslet għal riżultati konkreti fin-negozjati li għaddejjin u tista' tkun mudell promettenti għal negozjati tal-FTA fil-futur.

L-FTAs għandhom ukoll il-vantaġġ li jippermettu l-indirizzar b'mod simultanju ta' għadd kbir ta' ostakoli sinifikanti u fejn possibbli jmorru lil hinn minn regoli kummerċjali internazzjonali eżistenti. Tali ftehimiet jistgħu jgħinu biex jiġi evitat il-ħolqien ta' ostakoli ġodda.

Madankollu, il-ftehimiet kummerċjali preferenzjali għandhom ukoll il-limitazzjonijiet tagħhom. In-negozjar u l-implimentazzjoni ta' dawn il-ftehimiet jieħdu ż-żmien u l-bilanċ meħtieġ ta' konċessjonijiet jimplika li l-ostakoli ma jistgħux jiġu indirizzati kolha f'daqqa.

## **b) L-implimentazzjoni u l-infurzar ta' FTAs eżistenti**

Fejn jidħol l-aspett ta' implimentazzjoni u infurzar, l-UE għadha qiegħda taħdem għall-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehimiet konklużi kollha. Biex tiżgura li l-opportunitajiet tal-kummerċ maħluqa min-negozjati jiġu tradotti fi flussi tan-negozju konkreti l-UE skjerat inter alia l-istrateġija tagħha ta' aċċess għas-swieq bħala segwitu tal-impenji meħuda minn partijiet terzi. L-aġenda ta' negozjar u dik ta' infurzar tal-UE huma għalhekk kumplementari.

L-FTA tal-UE mal-Korea ta' Isfel li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2011 huwa eżempju tajjeb ta' kif tista' tiġi mmonitorjata b'mod effettiv l-implimentazzjoni ta' ftehim kummerċjali preferenzjali. Pereżempju, skont id-dispożizzjonijiet ta' kooperazzjoni stabbiliti permezz tal-Anness dwar is-Sustanzi Kimiċi tal-FTA, il-Korea u l-UE jistgħu jikkjarifikaw diversi kwistjonijiet relatati mal-leġiżlazzjoni ġdida Koreana "K-REACH" fil-laqgħat tal-grupp ta' ħidma dwar is-sustanzi kimiċi skont l-FTA. Bl-istess mod, il-laqgħat tal-grupp ta' ħidma dwar

il-prodotti farmaċewtiċi u l-apparat mediku skont l-FTA ippermettew l-implimentazzjoni xierqa tal-impenji speċifiċi miftiehma bejn iż-żewġ naħat f'dawn is-setturi. Dan l-approċċ - li ġie żviluppat ukoll fil-kuntest tal-Ftehim Kummerċjali mal-Kolombja u l-Perù, u mal-Amerika Ċentrali - jistabbilixxi preċedent utli biex jiġi żviluppat l-approċċ ta' implimentazzjoni tagħna taħt FTAs fil-ġejjieni.

### **c) Il-proċedimenti tar-riżoluzzjoni tad-disputi tad-WTO**

L-azzjoni ta' infurzar tad-WTO għadha strument importanti ta' infurzar kull meta jkun meħtieġ u xieraq. L-UE għadha tagħmel użu spiss mill-proċedimenti tar-riżoluzzjoni tad-disputi tad-WTO. Fl-2014, l-UE nediet tliet każijiet ta' riżoluzzjoni tad-disputi tad-WTO kontra r-Russja kif ukoll każ wieħed kontra l-Istati Uniti rigward sussidji mogħtija lil *Boeing*.

Għadd ta' proċedimenti oħra ta' riżoluzzjoni ta' disputi tad-WTO li tnedew mill-UE qabel l-2014 għadhom għaddejjin. Pereżempju, fis-17 ta' Diċembru 2014 ġie stabbilit bord tad-WTO fil-kawża kontra l-Brażil rigward vantaġġi ta' taxxa għal produtturi domestiċi ta' vetturi awtomobilistiċi, u prodotti elettroniċi u awtomatizzati.

Ir-riżoluzzjoni tad-disputi tad-WTO għadha l-aktar għażla qawwija meta l-istrumenti l-oħra tal-infurzar ma jkunux biżżejjed. Għalkemm dawn il-proċedimenti jieħdu żmien konsiderevoli, dawn joffru l-possibiltà li jiġu indirizzati ostakoli sinifikanti b'mod aktar sistematiku u li tinkiseb ċertezza legali għat-tul. Eżempju importanti ta' kawża mnedija b'suċċess mill-UE tikkonċerna r-restrizzjonijiet taċ-Ċina fuq l-esportazzjoni ta' elementi metalliċi rari fejn iċ-Ċina f'Jannar 2015 iddeċidiet li tabolixxi l-kwoti tal-esportazzjoni tagħha.

### **d) Kumitati tad-WTO**

L-UE hija waħda mill-aktar membri attivi tad-WTO fil-Kumitati tat-TBT u l-SPS. Il-laqgħat tal-Kumitat tat-TBT u l-SPS f'Ġinevra huma strumenti effettivi biex jiġi enfasizzat it-tħassib tal-UE rigward ir-regolamenti tekniċi u l-miżuri tal-SPS mhux ġustifikati introdotti minn Membri oħra tad-WTO, kif ukoll għall-informazzjoni, it-trawwmin tal-għarfien u l-bini ta' alleanzi ma' Membri oħra affettwati tad-WTO.

L-approċċ proattiv tal-UE mhux limitat għall-Kumitati tat-TBT u l-SPS u jestendi għall-Kumitati l-oħra kollha tad-WTO bħalma huma b'mod partikolari dawk dwar il-proċeduri tal-liċenzjar tal-importazzjoni, il-miżuri ta' investment relatati mal-kummerċ (*Trade Related Investment Measures* - TRIMs) u l-miżuri ta' sussidji u miżuri kumpensatorji (*Subsidies and Countervailing Measures* - SCM).

### **e) Samits internazzjonali**

Fl-aħħar nett, matul dawn l-aħħar snin kibret l-importanza ta' samits internazzjonali kemm fil-livell bilaterali kif ukoll f'dak multilaterali li għalihom l-UE u/jew l-Istati Membri jipparteċipaw u dawn għandhom jitqiesu bħala strument importanti biex jiġu indirizzati ostakoli speċifiċi għall-kummerċ u l-investment. Il-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern jiltaqgħu iktar

ta' spiss biex jiddiskutu l-isfidi ekonomiċi internazzjonali kruċjali li ta' spiss ma jistgħux jitqiesu b'mod iżolat minn għadd ta' preokkupazzjonijiet kummerċjali sottostanti. Il-laqgħat fil-format tal-G20 jipprovdu okkażjoni tajba f'dan ir-rigward. Fil-kuntest tat-tnejjija tal-UE ta' Samits li jinvolvu r-RGħ/VP<sup>3</sup>, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-ostakoli għall-kummerċ u l-investment li huma prijoritizzati f'dan ir-rapport.

## **5) Konklużjonijiet**

Din il-ħames edizzjoni tat-TIBR turi għal darb' oħra li l-imsieħba strateġiċi tagħna għad għandhom varjetà ta' ostakoli sinifikanti għall-kummerċ u l-investment li spiss ikun diffiċli biex jiġu indirizzati. Fil-kuntest preżenti ġenerali ta' sfida globali ta' inċertezza ekonomika u tensjonijiet politiċi konsiderevoli, hemm riskju li ħafna minn dawn l-ostakoli jibqgħu hemm, u li jiġu stabbiliti ostakoli ġodda, għad-detriment ta' kulħadd.

Għalhekk, għall-isforzi tal-UE biex jitneħħew l-ostakoli, huwa kruċjali li jkun hemm aktar determinazzjoni fil-livell politiku kif ukoll implimentazzjoni intensifikata u attiva tal-Istrateġija tal-UE tal-aċċess għas-suq. L-użu ikkombinat ta' strumenti differenti, filwaqt li jitqies il-kuntest speċifiku ta' kull ostakolu u l-prospetti tar-riżoluzzjoni tiegħu, jipromettu l-aħjar riżultati.

---

<sup>3</sup> Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Politika Estera u ta' Sigurtà u Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea